

Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008

It-trasport intern ta' prodotti perikolużi *II**

P6_TA(2008)0302

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' prodotti perikolużi (6920/3/2008 — C6-0160/2008 — 2006/0278(COD))

(2009/C 286 E/51)

(Proċedura ta' kodeċizzjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (6920/3/2008 — C6-0160/2008) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽²⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0852),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0227/2008),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 117 E, 14.5.2008, p. 1.

⁽²⁾ Testi Adottati, 5.9.2007, P6_TA(2007)0370.